**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 05 ta' Jannar 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Sharley Debono Bezzina**
**(K.I. 316400L)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużata Sharley Debono Bezzina ta' 22 sena, bint Charles Debono u Charmaine nee' Bezzina, imwielda Pieta', nhar il-25 ta' Awwissu 2000, u toqgħod "Kantra Court," Flat 1, Triq it-Torri, Munxar, Għawdex, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 316400(L) fejn ġiet akkużata talli nhar it-8 ta' Diċembru 2022, f'xi ħin bejn 7.30p.m. u 7.45p.m. waqt li kienet qiegħda fir-residenza 'Tat-Torri Court', Flat 4, Triq it-Torri, Kerċem, Għawdex u/jew fil-viċinanzi;

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġunat ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' James Attard, hekk kif iċċertifika Dr. Joseph Rapa M.D.

Reg. No. 2408 minn Sptar Ġenerali t'Għawdex u dan ai termini tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' James Attard u l-familja tiegħu u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużata irreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużata kienet mistiedna għal festin tal-familja fejn kien hemm ukoll il-parte civile. Hi ma kinitx taf li kien se jkun. Jirriżulta li fil-passat kien hemm xi argumenti bejn l-akkużata u l-parte civile. Jidher li l-akkużata tibża' minnu. Dakinhar tal-inċident, però, inqala xi disgwid u b'riżultat ta' dan, l-akkużata garat ġebla li laqtet lill-parte ċivile f'wiċċu u b'hekk wasslu għal dawn l-akkużi.

Illi dan kien inċident ta' darba li seħħ bejn l-akkużata u l-parte ċivile u l-Qorti semgħet li hija l-kumulu ta' diversi ċirkostanzi partikolari li ilhom jikbru tul iż-żmien.

Illi l-akkużata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li l-akkużata għandha fedina penali nadifa u li għandha ċirkostanzi partikolari li jeħtieġu attenzjoni professjonali sabiex jingħelbu. In vista ta dan, il-Qorti ma tqisx li piena karċerarja effettiva hija idoena, anzi pjuttost toħloq diffikultajiet fil-konfront tagħha. Min-naħa l-oħra, l-Qorti tħoss li bi ftit sforz da parti tal-akkużata, hija se tkun tista' ttejjeb il-qagħda tagħha u tgħeleb id-diffikultajiet temporanji li jista' għandha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed issib lil **Sharley Debono Bezzina <u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tillibera lill-akkużata bil-kondizzjoni li ma twettaqx reat ieħor fi żmien <u>tlett snin</u> mil-lum;

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja **Sharley Debono Bezzina** sabiex tingħata t-trattament meħtieġ skond id-Digriet mogħti kontestwalment ma din is-sentenza;

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed timponi Ordni ta' Trażżin fuq il-ħatja a favur ta James Attard għal-perjodu ta' <u>tlett snin</u> mil-lum;

Illi ai fini tal-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi legali jekk il-ħatja tonqos milli tħares il-kondizzjoni imposta fuqha ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti spejgat ukoll lill-ħajta il-konsegwenzi legali jekk hija tonqos milli toqgħod għall-Ordni ta' Trattament, jew tikser l-Ordni tat-Trażżin magħmulha b'din is-sentenza.

Illi finalment, il-Qorti qedha, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal-kopja skenjata tal-atti, flimkien ma aċċess għall-kopja skenjata tas-sentenza.

**(ft.) Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**(ft.) Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**